**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 128/2019 AGV**

**AB (ID Nru: 251980 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 200752 A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 24 ta' Mejju 2019, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu gewwa Manaret, Hammamet, it-Tunezija nhar l-4 ta April 2018 u z-zwieg taghhom gie debitament registrat fir-registru Pubbliku nhar it-3 ta' Lulju 2018;
2. Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal ;

3. Illi hekk kif gew lura Malta. l-kontendenti marru ghixu go fond li l-attrici kienet xtrat qabel iz-zwieg , permezz ta' kuntratt tas- 6 ta Gunju 2017 fl-atti tan-nutar Ruben Collins ( Dok B), ossija Karlino, 30, Flat 3, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar;
4. Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa regolat bir-regim tas-separazzjoni tal-beni, u dan skont kuntratt tat- 18 ta' Dicembru 2018 fl-atti tan-Nutar Liza Schembri (Dok C) li bis-sahha tieghu kienet giet terminata , likwidata u assenjata l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-kontendenti;
5. Illi ftit wara li l-kontedenti gew lura Malta u rregistraw iz-zwieg taghhom fir-registru Pubbliku, il-konvenut inbidel kompletament, beda jixrob u sar bniedem aggressiv fil-konfront tal-attrici.
6. Illi minhabba f' hekk permezz ta' ittra ta' medjazzjoni tas- 7 ta Jannar 2019, l-attrici talbet l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tkun tista' tipprocedi b' kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut minhabba eccessi, mohqrija, theddid, u offizi gravi li gew kommessi mill-istess konvenut fil-konfront tal-attrici;
7. Illi fil-mori tal-proceduri ta' medjazzjoni, il-konvenut kompla bl-agir aggressiv tieghu fil-konfront tal-attrici, tant illi, permezz ta' sentenzs tat-28 ta' Jannar 2019 ( ara Dok D), l-istess konvenut instab hati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Kriminali , nhar is- 27 ta' Jannar 2019, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-attrici fil-perikolu car, ikkagunala hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cjoe offiza ta' natura gravi, skont kif ic-certifikat Dr. Yousef Yousef mil-Isptar ta' Mater Dei;
8. Illi bis-sahha tas-sentenza msemmija l-konvenut gie kkundannat sentejn pringunerija, sospiza ghal erba' snin u l-istess konvenut tpogga taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett snin;
9. Illi fil-mori tal-proceduri ta' medjazzjoni,senjatament permezz ta' digriet tal- 10 ta' Mejju 2019 ( Dok. E), il-konvenut gie zgumbrat pendente lite mill-fond, Karlino, 30, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar.

10. Illi l-kontendeti gew debitament awtorizzati sabiex jipprezentaw kawza ta' separazzjoni bis-sahha ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il- 15 ta' Mejju 2019 ( Dok F);
11. Illi ghalhekk kellha ssir dil-kawza.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandix dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjaarzzjoni ulterjuri necessarja u opportuni;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;
2. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte , skont kif jidher xieraq lil dina l-Onorabbli Qorti, wara li tqis l-imgieba tal-konvenut, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili, ( Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Tordna illi l-fond ossija Karlino, 30, Flat 3, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, propjeta' parafernali tal-attrici izda gja' d-dar taz-zwieg, ossija matrimonjali, tigi okkupata mil-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut;
4. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku, s-sentenza eventwali moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, naqas milli jidher jew jippresenta risposta entro t-terminu moghti lilu skond il-ligi, u ghalhekk gie ddikjarat kontumaci.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-affidavit tal-attrici.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi l-partijiet kienu zzewgu t-Tunezija 4 ta' April, 2018, u rregistraw iz-zwieg taghhom gewwa r-Registru Pubbliku hawn Malta fit-3 ta' Lulju, 2018. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. L-attrici tghid li l-konvenut wara z-zwieg inbidel u beda jixrob, kif ukoll sar vjolenti fil-konfront taghha, tant li kkagunalha griehi ta' natura gravi fis-27 ta' Jannar, 2019, li fuq l-istess incident kien tressaq il-Qorti tal-Magistrati l-ghada, 28 ta' Jannar u kien ammetta l-akkuzi kollha kontra tieghu. Dan gara ftit jiem biss wara l-l-attrici kienet talbet ghall-ftuh ta' procedure ta' medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja permezz ta' ittra numru 14/19 datata 7 ta' Jannar, 2019.

L-attrici esebiet id-dokumenti kollha relevanti ghal dan il-kaz. Gie ppruvat li l-fond fejn kienu jirrisjedu l-partijiet kien inxtara minnha qabel iz-zwieg permezz ta' att pubbliku datat 6 ta' Gunju 2017, u ghalhekk huwa proprjeta' taghha parafernali. Esebiet ukoll kuntratt ta' bejn il-partijiet datat 18 ta' Dicembru, 2018, li permezz tieghu kienu ftehmu dwar is-separazzjoni tal-beni taghhom. Finalment esebiet ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-konvenut datata 28 ta' Jannar 2019, fejn fuq ammissjoni l-konvenut gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerioja sospizi ghal erba' snin, u bl-istess sentenza inhareg ordni ta' trazzin ghal tlitt snin. Fl-atti tal-medjazzjoni kien sar ukoll rikors sabiex l-attrici tigi awtorizzata tirresjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut, liema rikors kien intlaqa' permezz ta' digriet datat 10 ta' Mejju, 2019. Il-medjazzjoni nghalqet fil-15 ta' Mejju, 2019, u l-attrici fethet il-kawza fl-24 ta' Mejju, 2019. Dawn il-fatti kollha huma kkonfermati minnha bil-gurament taghha fl-affidavit esebit in atti.

Il-Qorti ghahhekk, in vista anke tal-fatt li l-konvenut baqa' kontumaci u ma ressaq ebda prova fil-kawza, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet kollha attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat li l-konvenut baqa' kontumaci;

Tilqa' t-talbiet kollha attrici, u ghalhekk;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;
2. Tapplika kontra l-konvenut interament id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Tordna illi l-fond ossija Karlino, 30, Flat 3, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, propjeta' parafernali tal-attrici izda gja' d-dar taz-zwieg, ossija matrimonjali, tigi okkupata mil-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut;
4. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku, is-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**